**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1009/02**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Alfred Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm633.12 (sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu) rapprezentanzi diversi kambjalijiet li inhargu fid-29 ta' Dicembru 2000 minn Alfred Buttigieg favur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' Lm52.76 kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' sitt xhur. Il-konvenut naqas li

jhallas tnax il-kambjala ta' Lm52.76 kull wiehed li mmaturaw fil-21 ta' kull xahar bejn April 2001 u Marzu 2002.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' Lm633.12 (sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkuzi il-mandat ta'qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn John Sultana;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur pro et noe is-somma ta' Lm633.12 (sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu) rapprezentanti import ta' kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**